MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 843/2008

**Joseph Aquilina (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 410561M) u martu Pauline Aquilina (detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 691962M)**

***kontra***

**Amity Developments Limited**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-19 ta` Awissu 2008 li jaqra hekk –

*1. Illi fl-24 ta` Mejju tas-sena 2007, ir-rikorrenti u Anton Pace, rapprezentant tas-socjeta` intimata, iffirmaw skrittura privata, ossia konvenju, li in forza taghha s-socjeta` intimata ppromettiet u obbligat ruhha li tbigh u tittrasferixxi lir-rikorrenti li ppromettew u obbligaw ruhhom li jixtru u jakkwistaw il-proprjeta` ossia l-garage illi huwa minghajr numru, li jinsab semi-basement level, accessibbli minn drive-in tieghu illi taghti fuq St. Philip Street, Birzebbuga, kollox mibni fuq is-sit illi kien qabel okkupat mill-fond jismu Cobbles, St. Philip Street, Birzebbuga, kif deskritt fl-istess konvenju, u dana taht il-pattijiet u kundizzjonijiet l-ohra miftiehma fl-istess konvenju, kopja ta` liema qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A" ;*

*2. Illi l-konvenju hawn fuq imsemmi gie prorogat permezz ta` skrittura ohra datata 23 ta` Mejju tas-sena 2008 li bis-sahha taghha l-effetti tal-konvenju gew estizi sal-25 ta` Lulju 2008, kopja ta` liema skrittura qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "B" ;*

*3. Illi s-socjeta` intimata issa qed tirrifjuta li taddivjeni ghall-kuntratt finali minghajr ebda raguni valida fil-ligi filwaqt illi r-rikorrenti ghadhom lesti biex jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv biex jixtru l-proprjeta` in kwistjoni;*

*4. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghid is-socjeta` intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m`ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :*

*1. Tikkundannaha sabiex tezegwixxi l-konvenju datat 24 ta` Mejju 2007 fuq imsemmi, kif prorogat bl-iskrittura l-ohra fuq imsemmija datata 23 ta` Mejju 2008,*

*billi taddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili ta` bejgh tal-proprjeta` fuq indikata bil-prezz u taht il-kundizzjonijiet kollha stipulati;*

*2. Tinnomina Nutar sabiex jippublika l-kuntratt relattiv fil-lok, jum u hin li jigu stabbiliti u kuraturi nominati biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess kuntratt u dan taht dawk il-provvedimenti l-ohra li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.*

*Bl-interessi legali u bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittri ufficjali datati 22 ta` Mejju 2008 u 24 ta` Lulju 2008 kontra s-socjeta` intimata li tibqa` ngunta ghas-subizzjoni, salv kwalunkwe azzjoni ohra kompetenti lir-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-2 ta` April 2000 li taqra hekk –

*1. Illi t-talba tar-rikorrenti hija nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kienu r-rikorrenti li naqsu milli jidhru fuq il-kuntratt finali sew fiz-zmien tal-konvenju, kif ukoll fiz-zmien wara l-konvenju fejn saru offerti mis-socjeta` intimata biex isehh it-trasferiment.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fl-eventwalita` li jsir il-kuntratt ta` trasferiment l-atturi jridu jhallsu l-prezz shih imsemmi fil-konvenju u dan stante illi r-rikorrent Joseph Aquilina thallas ghax-xoghol kollu li ghamel skond l-appalt. Kif jidher fl-iskeda l-hlasijiet imsemmija fid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. A kif ukoll rapport tal-perit (Dok. B).*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-atturi (fol 46 sa fol 50).

Semghet ix-xiehda tan-Nutar Dottor Nicholette Vella (fol 60 sa fol 66) u ta` Santos Barbara (fol 67 sa fol 70) fl-udjenza tat-28 ta` Jannar 2010.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-attur (fol 96 sa fol 108) fl-udjenza tal-20 ta` April 2010 u rat id-dokumenti li kienu esebiti mix-xhud fl-istess udjenza (fol 71 sa fol 94).

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Anton Pace (fol 114 sa fol 115).

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Anton Pace (fol 118 sa fol 122) fl-udjenza tal-15 ta` Frar 2011.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-14 ta` Novembru 2011.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

Fl-24 ta` Mejju 2007 il-partijiet ghamlu konvenju (DOK A) validu ghal sena fejn minn naha wahda l-

kumpannija konvenuta (" Amity ") obbligat ruhha li tbiegh u tittrasferixxi a favur tal-atturi (" Aquilina ") *semi-basement garage* bla numru accessibbli minn *drive-in* li taghti ghal St. Philip Street, Birzebbugia. Dwar il-prezz, il-partijiet ftehmu hekk – *Bil-prezz ta` Lm5000 illi ser jithallsu kollha permezz tal-provvista ta` xoghol skond rati gia miftehma bejn il-partijiet.*

Fit-23 ta` Mejju 2008, il-konvenju kien estiz sal-25 ta` Lulju 2008 (DOK B). Skond l-attur, dan sar wara talba tal-kumpannija konvenuta billi din kienet tehtieg *waiver* mill-bank li lejn id-data tal-gheluq tal-konvenju ma kienx ghadu nghata. In-Nutar Dottor Nicholette Vella li rredigiet il-konvenju u l-estensjoni tieghu kkonfermat illi l-att finali ma setax isir unikament minhabba li baqghet ma waslitx *waiver* mill-Bank of Valletta ta` ipoteki li l-bank kellu registrati fuq is-sit. Il-*waiver* kellu jintalab mill-kumpannija konvenuta.

L-att finali baqa` ma sarx. Min-naha wahda, Aquilina jghidu li dan gara tort tan-nuqqas ta` Amity ghalkemm anke pprezentaw ittra ufficjali kontriha. Min-naha taghha, Amity tghid illi hija kienet lesta dejjem tersaq ghall-kuntratt dment illi Aquilina jhallsu l-prezz ta` Lm5000 billi Aquilina kien thallas kollox tal-appalti illi kien esegwixxa fuq inkariku ta` Amity.

In-Nutar Vella xehdet illi f`xi zmien, Anton Pace ta` Amity kien semma illi kienet inqalghet kwistjoni ma` Aquilina dwar dhul ta` ilma f`bini li kien mertu ta` appalt bejniethom. Maghha l-istess Anton Pace kien ikkonferma li ma kienux sejrin jersqu ghall-kuntratt minhabba l-kwistjoni tad-dhul tal-ilma. Biex isir il-kuntratt, kien jonqos biss il-*waiver* minhabba l-ipoteki. U din il-*waiver* ma giet fl-ebda stadju la qabel ghalaq il-konvenju u lanqas meta kien estiz.

L-attur jixhed dwar cirkostanza fejn cheque li kien dovut lilu ta` Lm2000 minn Amity bhala parti mill-appalt ma setax jissarraf ghaliex sabiex jissarraf kien jehtieg il-firem ta` zewg diretturi ta` Amity meta fil-fatt kien hemm firma wahda biss. Aquilina accetta illi minflok jinsisti fuq il-firma tat-tieni direttur biex jissarraf l-import tac-cheque jinzamm minn Amity bhala parti mill-prezz tal-fond in vendita. Din ic-cirkostanza kienet konfermata min-Nutar Vella u minn Santos Barbara fid-deposizzjoni taghhom.

Fil-kontroezami, l-attur xehed illi parti mill-hlas tax-xoghol u materjal dovuti lilu minn Amity ghall-appalti kellu jsir bi tpartit mal-garage in kwistjoni li kien stmat fl-ammont ta` Lm5000. Skond l-attur, il-kont totali kien Lm49,600. Minnhom kien fadal li jithallsu Lm12,000. L-attur jikkontesta li Amity kienu hallsuh Lm42,300 billi ma kienux hadu kont tac-cheque ta` Lm2000 li ma kienx issarraf u lanqas Lm1600 ta` crane.

Anton Pace, direttur ta` Amity, xehed illi Aquilina ghamel xoghol stmat fl-ammont ta` Lm39,138.98. Amity hallsitu Lm42,300. Mela, skond dan ix-xhud, biex isir il-kuntratt, Aquilina jrid ihallas il-bilanc u cioe` Lm3162. L-ewwel cahad imbaghad qal li ma jiftakarx li huma kienu hargu cheque ta` Lm2000 li ma ssarrafx. Fil-kontroezami, ix-xhud l-ewwel cahad imbaghad ikkonferma illi wara li sar il-konvenju, in-Nutar Vella kienet ghamlet kuntatt mieghu. Sostna li l-att finali baqa` ma sarx ghaliex ghall-appalti kienu hallsu lil Aquilina aktar minn kemm kien stmat ix-xoghol u l-materjal. Ma kienx jaf ghala l-waiver tal-Bank of Valletta ma kenitx harget.kien hemm zbilanc favur Aquilina.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

Anke min-natura tal-eccezzjonijiet, jirrizulta illi l-validita` tal-konvenju u tal-estensjoni tieghu mhumiex in kontestazzjoni. Lanqas ma huwa kontestat illi l-azzjoni ta` Aquilina tinkwadra ruhha fit-termini tal-Art.1357 tal-Kap.16. Il-kontestazzjoni ta` Amity hija fl-ewwel lok illi dejjem riedet tersaq ghall-att finali u fit-tieni lok jekk kellu jsir l-att finali, Aquilina kellhom ihallsu l-prezz ta` Lm5000 billi ghall-appalti kienu thallsu aktar milli kemm kien stmat il-prezz ta` l-appalti.

<u>Fis-sostanza</u>, il-kwistjoni hija kollha kemm hi centrata fuq l-ewwel patt tal-partijiet fil-konvenju u cioe` *bil-prezz miftiehem bejn il-partijiet ta` hamest elef Lira Maltin (Lm5000) illi ser jithallsu kollha permezz tal-provvista tax-xoghol skond rati gia` miftehma bejn il-partijiet.*

<u>**L-Art.1002 tal-Kap.16**</u> ighid car illi *“meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni*”.

Kif osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha “<u>**Sciberras Trigona vs Aneico**</u>” deciza fis-6 ta’ Ottubru 1883 – “*quando le parole dell’atto sono chiare si deve stare alla lettera dell’atto*”.

Fis-sentenza taghha tal-14 ta` Jannar 2002 fil-kawza “<u>**Vella noe et vs**</u> <u>**Abela noe et**</u>”, il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*“Meta l-kliem tal-att huma cari l-interpretu ghandu joqghod ghal dan il-kliem u mhux jirrikorri ghal kongetturi …*

*Pero` fl-applikazzjoni tar-regoli ta’ interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom moghti li*

*jiswa imma hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti l-kliem is-sens ordinarju tieghu, fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti, li ghandu joqghod. Jekk ghall-gudikant id-dicitura wzata ma tistax ma twassalx oggettivament ghal sens car u univoku hu dan is-sens illi ghandu jfisser il-volonta` espressa mill-kontraenti fil-konvenzjoni taht ezami. Hu biss meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri li jrid jigi kkunsidrat dawk il-pattijiet li l-kontraenti riedu."* (ara wkoll "**Zammit vs Zammit Tabona et noe**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Frar 1997).

Din il-Qorti tghid illi ma hemm xejn incert fil-patt in kwistjoni. Fil-kaz tal-lum, il-prezz **kollu** ta` Lm5000 kellu jithallas mill-atturi bil-provvista ta` xoghol skond rati gia` miftehma bejn il-partijiet.

Ghalkemm ix-xhud Anton Pace ighid illi Aquilina *abbanduna l-progett kollu* (ara fol 114) [u dwar saret enfasi mid-difensur taghha fis-sottomissjonijiet finali tieghu] mhux hekk jirrizulta bhala fatt ghaliex kif jixhdu d-dokumenti taz-zewg partijiet jirrizulta illi Aquilina ghamel hafna xoghol ghal Amity li tieghu hargu l-kontiijiet.

Fil-fehma tal-Qorti din l-enfasi tal-kumpannija konvenuta fuq il-pretest tal-allegat abbandun tal-progett idghajjef il-posizzjoni taghha almenu fejn jidhol il-fattur tal-kredibilita` ghaliex jekk tassew kien hekk, il-kumpannija konvenuta kellha rimedji legali x'nintraprendi bhala appaltanti kontra Aquilina l-appaltatur izda ma jirrizultax illi hadet passi f`dan is-sens. Din il-Qorti qeghda tghid dan ghal dik li hija kredibilita`.

Din il-Qorti tghid illi Amity ma tistax tibdel it-termini tal-konvenju billi tippretendi li, ghax skond hi, Aquilina kien thallas tal-appalt (pretensjoni li Aquilina jikkontesta) allura kellu jhallas il-Lm5000 fi flus kontanti.

Dik hija pretensjoni infondata fid-dritt.

Tibqa` l-kwistjoni jekk Aquilina tassew kienx thallas tax-xoghol kollu li ghamel u tal-materjal li pprovda lil Amity jew inkella hemmx pendenti minn Amity favur tieghu hlas li jlahhaq tal-inqas Lm5000.

Amity tallega li Aquilina thallas ta` kollox. **Kwindi ladarba Amity qeghda teccepixxi l-pagament kien jispetta lilha illi tressaq il-prova tal-pagament**.

Qabel tibda tittratta din il-kwistjoni, din il-Qorti trid tghid illi l-gbir tal-provi fil-kawza huwa kostellat minn divergenzi anke netti bejn il-partijiet. Huwa f`dan il-kuntest ta` provi konfliggenti illi din il-Qorti trid tfittex ic-certezza morali ta` liema posizzjoni hija l-aktar affidabbli u probabbli.

Amity ipprezentat il-kont tax-xoghol tal-attur (fol 17 sa fol 39). Jammonta ghal total ta` **Lm39,139.08c** (u cioe` Lm2263.95 + Lm6806.35 + Lm6745.65 + Lm10,540.66 + Lm1197.03 + Lm4510.18 + Lm750.44 + Lm1091.31 + Lm5233.51).

Aquilina pprezenta l-kontijiet tieghu skond kif aggustati mill-Perit Anthony Zammit (fol 91 sa fol 93). Dawn ilahhqu l-figura ta` **Lm43,129.07** (u cioe` Lm2434.69 + Lm6146.97 + Lm8752.17 + Lm12,223.40 + Lm1347.48 + Lm4949.65 + Lm813.18 + Lm909.50 + Lm5552.03).

Aquilina pprezenta wkoll a fol 94 kont iehor ta` **Lm2753.03**.

Kwindi l-konteggi ta` Aquilina jlahhqu l-figura ta` **Lm45,882.10**.

Ghalhekk limitatament fir-rigward tal-kont tax-xoghol hemm diskrepanza bejn il-partijiet ta` **Lm6,743.02c**.

Din il-Qorti trid tirrileva illi din id-diskrepanza fil-figuri anke mad-daqqa t`ghajn kellha tissenjala lill-partijiet il-htiega li xi hadd minnhom iressaq bhala xhud lill-perit illi hareg il-kontijiet a fol 17 sa fol 39 jew li ghamel l-aggustamenti a fol 71 sa fol 94 invokati mill-atturi. Din il-prova baqghet ma saritx Kwindi din il-Qorti m`ghandhiex il-konfort ta` liema wiehed minn dawn iz-zewg totali huwa tassew it-tajjeb ghaliex bhala fatt min hareg il-konteggi originali u dawk aggustati ma ddeponiex fil-kawza sabiex jikkonferma jew ifisser xort`ohra dawk il-konteggi.

Dwar il-hlasijiet, il-kumpannija konvenuta pprezentat a fol 40 lista ta` hlasijiet li saru lill-attur li jgibu total ta` **Lm43,330**. Skond dawn il-figuri, jigi illi Amity hallset zejjed lil Aquilina s-somma ta` **Lm4190.92c** (Lm43,330 – Lm39,139.08)

Il-prova illi saru dawk il-hlasijiet lil Aquilina kienet tispetta lil Amity. Pero` din il-Qorti m`ghandhiex prova oggettiva tal-hlas kif pretiz minn Amity. La kienu prodotti kopji jew *images* ufficjali tac-cheques bil-hlasijiet u lanqas ricevuti minn Aquilina.

Min-naha tieghu, Aquilina jghid illi minghand il-kumpannija konvenuta, huwa thallas **Lm35,000**. Mela hemm diskrepanza ta` **Lm8,330** (Lm43,330 – Lm35,000). Pero` ma ressaq l-ebda prova dokumentarja tal-pagamenti li rcieva.

. Aquilina jixhed illi baqghalu jiehu Lm12,000. Jixhed illi l-kont tieghu tela` ghal Lm49,600. Fil-fatt il-kont tieghu kien ta` Lm45,882.10c. Ighid illi fi flus huwa thallas Lm35,000 ghaliex cheque ta` Lm2000 ohra li kien ircieva ma ssarrafx ghaliex kellu firma wahda biss. Ghalhekk qal lill-parti l-ohra biex taqta` dik il-figura mill-prezz tal-garage. Skond il-figuri ta` Aquilina, il-kreditu tieghu kontra Amity jaqbez il-Lm5000.

Anton Pace jixhed illi Amity hallset zejjed lil Aquilina is-somma ta` Lm3162. Jekk pero` wiehed joqghod fuq il-figuri li johorgu mid-dokumenti tieghu, jirrizulta li l-izbilanc kontra Amity huwa ta` Lm4190.92c (Lm43,330 – Lm39,139.08).. Dwar ic-cheque li ma ssarrafx, Pace kien kontradittorju fix-xiehda tieghu.

Fl-isfond tal-premess, din il-Qorti hija sodisfatta illi fl-assjem taghha l-versjoni tal-atturi taghti aktar affidament u cioe` illi huma kredituri (mhux debituri) tal-kumpannija attrici tal-inqas fl-ammont ta` Lm5000. Ma kienx il-kompitu ta` din il-Qorti illi toqghod tifli l-konteggi bejn il-partijiet. Jekk hemm kwistjonijiet, pendenzi jew pretensjonijiet bejn il-partijiet dwar l-appalt, li johorgu barra mill-binarji legali tal-azzjoni tal-lum, jispetta lill-partijiet jew min minnhom li jsostnu l-istanzi taghhom f`sede li ma tistax tkun din tal-lum.

Ghall-fini tal-istanza tal-lum, din il-Qorti tghid illi mhijiex sodisfatta li l-kumpannija konvenuta ghamlet il-prova tal-pagament shih da parti taghha lill-atturi kif minnha pretiz. Dan tghidu minn naha wahda ghaliex ix-xiehda ta` Anton Pace ma ssostnix dik il-pretensjoni b`riskontri oggettivi kif ukoll ghaliex ix-xiehda tieghu hija f`xi aspetti kontradittorja mhux daqstant fid-dettall izda fl-essenzjal. Il-kwistjoni tac-cheque ta` Lm2000 li ma ssarrafx ma kienx dettall izda jinfluwixxi fuq l-attendibilita` tal-assjem tal-prospett a fol 40. L-ewwel jichad imbaghad ighid illi ma jiftakarx li huma (jigifieri Amity) kienu hargu cheque ta` Lm2000 li ma ssarrafx. Kontra din l-incertezza,

hemm ic-certezza tad-deposizzjoni dwar dan il-fatt tal-attur, tan-Nutar Vella u ta` Santos Barbara. Jaccenna – din il-Qorti tghid barra mill-kuntest taghha – ghall-allegat abbandun tal-appalt da parti tal-attur. Jekk tassew kien hekk, Amity garrbet pregudizzju allura kien messha hadet azzjoni. Dwar dan ma jirrizulta propju xejn, hlief accenn ripetut mid-difensur taghha fis-sottomissjonijiet finali tieghu. Fil-kontroezami, Anton Pace l-ewwel jichad imbaghad jikkonferma illi wara li sar il-konvenju, in-Nutar Vella kienet ghamlet kuntatt mieghu. Man-Nutar Vella f`ebda stadju ma ssemma li Amity ma riditx taghmel il-kuntratt ghax l-atturi kienu debituri taghha. Haga tant vitali ghal Amity, jekk tassew kienet daqstant, kellha certament tigi senjalata lin-nutar li kellha tippubblika l-att finali. Eppure n-Nutar Vella ma kienet infurmnata b`xejn. L-unika haga li ssemmiet lil-nutar kienet illi minhabba d-dhul tal-ilma ma kienx se jsir il-kuntratt. Eppure fix-xiehda tieghu Anton Pace ma jaghmel l-ebda accenmnm ghal dan. In-Nutar Vella tghid illi l-att finali baqa` ma sarx ghaliex il-*waiver* mill-Bank of Valletta baqghet ma waslet qatt, imbaghad Anton Pace jixhed illi ma kienx jaf ghala l-*waiver* tal-Bank of Valletta ma kenitx harget.

Ghal din il-Qorti dawn il-kontradizzjonijiet huma ta` sostanza ghaliex jimminaw il-kredibilita` tad-difiza tal-kumpannija konvenuta, apparti li l-prova tal-pagament shih li kien jispetta lill-kumpannija konvenuta baqa` mhux sodisfatt sal-grad rikjest mil-ligi.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta.**

**Tilqa` l-ewwel talba u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex tezegwixxi l-konvenju fuq riferit tal-24 ta` Mejju 2007, kif prorogat bl-iskrittura fuq riferita tat-23 ta` Mejju 2008, billi taddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili ta` bejgh tal-garage minghajr numru, li jinsab fil-livell ta` semi-basement, accessibbli minn drive in tieghu, li taghti fuq Saint Philip Street, Birzebbugia, kollox mibni fuq is-sit illi kien qabel okkupat mill-fond bl-isem Cobbles, Saint Philip Street, Birzebbugia, ghall-prezz u skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm stipulati.**

**Tilqa` t-tieni talba u tahtar lin-Nutar Dottor Nicholette Vella sabiex tippubblika l-kuntratt relattiv.**

**Ukoll ghall-fini tat-tieni talba, tappunta ghall-fini tal-pubblikazzjoni tal-att finali d-data ta` nhar il-Hamis 28 ta` Gunju 2012 fil-11.00 a.m. fit-tieni sular tal-bini tal-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Ukoll ghall-fini tat-tieni talba, tahtar lill-Avukat Dottor Anna Mifsud Bonnici bhala kuratrici sabiex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-att finali.**

**Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta` Mejju 2008, dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta` Lulju 2008 u l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-kuratrici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------